2024/2629

10.10.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2629

tat-8 ta' Ottubru 2024

li ġġedded l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u tmienja mis-subkumbinazzjonijiet tiegħu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2024) 6892)

(It-testi bil-Franċiż u bin-Netherlandiż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 23(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/650/UE ([2]) awtorizzat l-introduzzjoni fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni jkopri wkoll l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti, għajr l-ikel u l-għalf li fihom jew li jikkonsistu mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 għall-istess użi bħal kull qamħirrum ieħor, ħlief għall-kultivazzjoni.

(2) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/650/UE awtorizzat l-introduzzjoni fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti minn tmien subkumbinazzjonijiet tal-eventi ta' trasformazzjoni uniċi li jikkonstitwixxu l-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122: MON 89034 × 1507 × MON 88017, MON 89034 × 1507 × 59122, MON 89034 × MON 88017 × 59122, 1507 × MON 88017 × 59122, MON 89034 × 1507, MON 89034 × 59122, 1507 × MON 88017 u MON 88017 × 59122.

(3) Fis-7 ta' Ottubru 2022, Corteva Agriscience Belgium B.V., ibbażata fil-Belġju, f'isem Corteva Agriscience LLC, ibbażata fl-Istati Uniti, u Bayer Agriculture B.V., ibbażata fil-Belġju, f'isem Bayer CropScience LP ibbażata fl-Istati Uniti, flimkien issottomettew applikazzjoni lill-Kummissjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni.

(4) Fid-29 ta' April 2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ħarġet opinjoni xjentifika favorevoli dwar il-valutazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u tmienja mis-sottokombinazzjonijiet tiegħu ([3]). Ikkonkludiet li l-applikazzjoni għat-tiġdid ma kinitx tinkludi evidenza

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1829/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/650/UE tas-6 ta' Novembru 2013 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew ikunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat (ĠM) MON 89034 × 1507 × MON88017 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7), erba' qamħirrum ĠM relatati li jgħaqqdu tliet eventi singli differenti ĠM (MON89034 × 1507 × MON88017 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3), MON89034 × 1507 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × DAS-59122-7), MON89034 × MON88017 × 59122 (MON-89Ø34-3 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7), 1507 × MON 88017 × 59122 (DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7)) u erba' qamħirrum ĠM relatati li jgħaqqdu żewġ eventi ĠM singli differenti (MON89034 × 1507 (MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1), MON89034 × 59122 (MON-89Ø34-3 × DAS-59122-7), 1507 × MON88017 (DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3), MON 88017 × 59122 (MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7)))) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 302, 13.11.2013, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2013/650/oj).

([3]) EFSA GMO Panel (Il-Bord tal-EFSA dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati), 2024. Scientific Opinion on the assessment of genetically modified maize MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 and 8 out of 10 of its subcombinations for renewal authorisation under Regulation (KE) Nru 1829/2003 (dossier GMFF-2022-9170) *EFSA Journal 2024*; 22(4):8715, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8715.

ta' xi perikli, esponimenti modifikati jew inċertezzi xjentifiċi ġodda li kieku jibdlu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju oriġinali adottata mill-Awtorità fl-2010 ([4]) u kkomplementata fl-2011 ([5]).

(5) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità qieset il-mistoqsijiet u t-tħassib kollu mressqa mill-Istati Membri fil-kuntest tal-konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif previst fl-Artikolu 6(4) u fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(6) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali, li jikkonsisti minn pjan ta' sorveljanza ġenerali, u li ġie sottomess mill-applikanti, huwa konformi mal-użi maħsuba tal-prodotti.

(7) Fid-dawl ta' dawk il-konklużjonijiet, l-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u s-subkumbinazzjonijiet MON 89034 × 1507 × MON 88017, MON 89034 × 1507 × 59122, MON 89034 × MON 88017 × 59122, 1507 × MON 88017 × 59122, MON 89034 × 1507, MON 89034 × 59122, 1507 × MON 88017 u MON 88017 × 59122 u ta' prodotti li fihom jew jikkonsistu minnhom għal użi għajr l-ikel u l-għalf, ħlief għall-kultivazzjoni, jenħtieġ li tiġġedded.

(8) Ġew assenjati identifikaturi uniċi lill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u lit-tmien subkombinazzjonijiet MON 89034 × 1507 × MON 88017, MON 89034 × 1507 × 59122, MON 89034 × MON 88017 × 59122, 1507 × MON 88017 × 59122, MON 89034 × 1507, MON 89034 × 59122, 1507 × MON 88017 u MON 88017 × 59122, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 ([6]), fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni inizjali bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/650/UE. Dawk l-identifikaturi uniċi jenħtieġ li jibqgħu jintużaw.

(9) Ma jidher li mhu meħtieġ l-ebda rekwiżit speċifiku tat-tikkettar għall-prodotti koperti minn din id-Deċiżjoni, għajr dawk previsti fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-użu ta' dawk il-prodotti jibqa' fil-limiti tal-awtorizzazzjoni mogħtija b'din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li t-tikkettar ta' dawn il-prodotti, bl-eċċezzjoni ta' dak tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel, jindika b'mod ċar li mhumiex maħsuba għall-kultivazzjoni.

(10) Jenħtieġ li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni jressqu rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u dwar ir-riżultati tal-attivitajiet stabbiliti fil-pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali. Jenħtieġ li dawk ir-riżultati jiġu ppreżentati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/770/KE ([8]).

([4]) EFSA GMO Panel (Il-Bord tal-EFSA dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati), 2010. Scientific Opinion on application for the placing on the market of insect resistant and herbicide tolerant genetically modified maize MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 and all sub-combinations of the individual events as present in its segregating progeny, for food and feed uses, import and processing under Regulation (KE) Nru 1829/2003 from Dow AgroSciences and Monsanto (dossier EFSA-GMO-CZ-2008-62). *EFSA Journal 2010*; 8(9):1781 https://doi.org/10.2903/j.efsa.2010.1781.

([5]) EFSA GMO Panel (Il-Bord tal-EFSA dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati), 2011. Statement complementing the EFSA GMO Panel scientific opinion on maize MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 (application EFSA-GMO-CZ-2008-62), to cover all sub-combinations independently of their origin. *EFSA Journal 2011*; 9(10):2399, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2011.2399.

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 tal-14 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi għal organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU L 10, 16.1.2004, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/65/oj).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabbiltà u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabbiltà ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1830/oj).

([8]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/770/KE tat-13 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi formati standard tar-rappurtar għall-preżentazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ tar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament, bħala jew fi prodotti, għal għan tat-tqegħid fis-suq, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 21.10.2009, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/770/oj).

(11) L-opinjoni tal-Awtorità ma tiġġustifikax l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet jew ta' restrizzjonijiet speċifiċi għal-introduzzjoni fis-suq, għall-użu u għall-immaniġġjar, inkluż rekwiżiti ta' monitoraġġ ta' wara l-introduzzjoni fis-suq rigward il-konsum tal-ikel u l-għalf li fihom, li jikkonsistu jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u mit-tmien subkombinazzjonijiet tiegħu, jew għall-ħarsien ta' ekosistemi/ambjenti u/jew żoni ġeografiċi partikolari, kif previst fl-Artikolu 6(5), il-punt (e), u fl-Artikolu 18(5), il-punt (e), tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(12) Jenħtieġ li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodotti koperti b'din id-Deċiżjoni tiddaħħal fir-reġistru Komunitarju tal-ikel u tal-għalf ġenetikament modifikat imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(13) Din id-Deċiżjoni trid tiġi nnotifikata permezz taċ-Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-Bijosikurezza lill-Partijiet tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà lill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bioloġika, skont l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 15(2), il-punt (c) tar-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

(14) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-President tiegħu. Dan l-att ta' implimentazzjoni tqies li huwa meħtieġ u l-President ressqu lill-kumitat ta' appell għal deliberazzjoni ulterjuri. Il-kumitat tal-appell ma tax opinjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Organiżmi ġenetikament modifikati u identifikatur uniku

Il-qamħirrum ġenetikament modifikat (*Zea mays* L.), kif speċifikat fil-punt (b) tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni, ġie assenjat l-identifikaturi uniċi li ġejjin, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 65/2004:

(a) l-identifikatur uniku MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122;

(b) l-identifikatur uniku MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × MON 88017;

(c) l-identifikatur uniku MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × DAS-59122-7 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507 × 59122;

(d) l-identifikatur uniku MON-89Ø34-3 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × MON 88017 × 59122;

(e) l-identifikatur uniku DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × MON 88017 × 59122;

(f) l-identifikatur uniku MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 1507;

(g) l-identifikatur uniku MON-89Ø34-3 × DAS-59122-7 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 89034 × 59122;

(h) l-identifikatur uniku DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × MON 88017;

(i) l-identifikatur uniku MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7 għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 88017 × 59122.

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-movimenti transkonfinali ta' organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU L 287, 5.11.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1946/oj).

Artikolu 2

Tiġdid tal-awtorizzazzjoni

L-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq tal-prodotti li ġejjin tiġġedded fir-rigward ta':

(a) l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat imsemmi fl-Artikolu 1, li jkunu jikkonsistu minnu jew li jkunu prodotti minnu u mis-subkombinazzjonijiet tiegħu;

(b) l-għalf li fih il-qamħirrum ġenetikament modifikat imsemmi fl-Artikolu 1, li jkun jikkonsisti minnu jew li jkun prodott minnu u mis-subkombinazzjonijiet tiegħu;

(c) il-prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat imsemmi fl-Artikolu 1 li jkunu jikkonsistu minnu u mis-subkombinazzjonijiet tiegħu, għal użi għajr dawk previsti fil-punti (a) u (b), bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

Artikolu 3

Tikkettar

1. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-isem tal-organiżmi għandu jkun "qamħirrum".

2. Il-kliem "mhux għall-kultivazzjoni" għandu jidher fuq it-tikketta tal-prodotti, u fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti, li fihom jew li jikkonsistu mill-qamħirrum ġenetikament modifikat imsemmi fl-Artikolu 1, bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (a).

Artikolu 4

Metodu għad-detezzjoni

Il-metodu stabbilit fil-punt (d) tal-Anness għandu japplika għad-detezzjoni tal-qamħirrum imsemmi fl-Artikolu 1 u s-subkumbinazzjonijiet tiegħu.

Artikolu 5

Monitoraġġ tal-effetti ambjentali

1. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għanhom jiżguraw li l-pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali, kif stabbilit fil-punt (h) tal-Anness, jiddaħħal fis-seħħ u jiġi implimentat.

2. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għandhom jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-attivitajiet stabbiliti fil-pjan ta' monitoraġġ, f'konformità mal-format stabbilit fid-Deċiżjoni 2009/770/KE.

Artikolu 6

Reġistru Komunitarju

L-informazzjoni stipulata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf ġenetikament modifikati, kif imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

Artikolu 7

Detenturi tal-awtorizzazzjoni

Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għandhom ikunu:

(a) Corteva Agriscience LLC, l-Istati Uniti, irrappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience BV, il-Belġju;

(b) Bayer CropScience LP, l-Istati Uniti, irrappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture B.V., il-Belġju.

Artikolu 8

Validità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta' 10 snin mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 9

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(a) Corteva Agriscience LLC, 9330 Zionsville Road, Indianapolis, IN 46268-1054, l-Istati Uniti, irrappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium B.V., rue Montoyer 25, 1000 Brussell, il-Belġju;

u

(b) Bayer CropScience LP, 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, MO 63167, l-Istati Uniti, irrappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture B.V., Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

(a) **Applikanti u detenturi tal-awtorizzazzjoni:**

(1) Isem: Bayer CropScience LP

Indirizz: 800 N. Lindbergh Boulevard, St Louis, MO, 63167, l-Istati Uniti;

irrappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture B.V., Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju;

u

(2) Isem: Corteva Agriscience LLC

Indirizz: 9330 Zionsville Road, Indianapolis, IN, 46268-1054, l-Istati Uniti;

irrappreżentata fl-Unjoni minn Corteva Agriscience Belgium B.V., rue Montoyer 25, 1000 Brussell, il-Belġju.

(b) **Dežinjazzjoni u speċifikazzjoni tal-prodotti:**

(1) l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat (*Zea mays* L.) imsemmi fil-punt (e), li jkunu jikkonsistu minnu jew li jkunu prodotti minnu;

(2) l-għalf li fih il-qamħirrum ġenetikament modifikat (*Zea mays* L.) imsemmi fil-punt (e), li jkun jikkonsisti minnu jew li jkun prodott minnu;

(3) prodotti li fihom jew li jikkonsistu mill-qamħirrum ġenetikament modifikat (*Zea mays* L.) imsemmi fil-punt (e), għal użi għajr dawk previsti fil-punti (1) u (2), bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

Il-qamħirrum modifikat ġenetikament MON-89Ø34-3 jesprimi l-ġeni *cry1 A.105* u *cry2Ab2*, li jagħtu protezzjoni minn ċerti pesti lepidopteri.

Il-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-Ø15Ø7-1 jesprimi l-ġene *cry1F*, li jagħti protezzjoni kontra ċerti pesti lepidopteri u l-ġene *pat*, li jagħti tolleranza għall-erbiċidi li fihom il-glufosinat-ammonju.

Il-qamħirrum ġenetikament modifikat MON-88Ø17-3 jesprimi l-ġene *cry3Bb1*, li jagħti protezzjoni kontra ċerti pesti koleopteri u l-ġene CP4 *epsps*, li jagħti tolleranza għall-erbiċidi b'bażi ta' glifosat.

Il-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-59122-7 jesprimi l-ġeni *cry34Ab1* u *cry35Ab1*, li jagħtuh protezzjoni kontra ċerti pesti koleopteri u l-ġene *pat*, li jagħti tolleranza għall-erbiċidi li fihom il-glufosinat-ammonju.

(c) **Tikkettar:**

(1) Għall-finijiet tar-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-isem tal-organiżmi għandu jkun "qamħirrum";

(2) Il-kliem "mhux għal kultivazzjoni" għandu jidher fuq it-tikketta tal-prodotti u fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti li fihom jew li jikkonsistu mill-qamħirrum ġenetikament modifikat speċifikat fil-punt (e), bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmija fil-punt (b)(1).

(d) **Metodu għad-detezzjoni:**

(1) Il-metodi ta' detezzjoni kwantitattivi speċifiċi għall-eventi bbażati fuq il-PCR huma dawk ivvalidati individwalment għall-eventi ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON-89Ø34-3, DAS-Ø15Ø7-1, MON-88Ø17-3 u DAS-59122-7 u vverifikati ulterjorment fuq l-eventi kkombinati tal-qamħirrum MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7;

(2) Ivvalidat mil-Laboratorju ta' Referenza tal-UE stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ippubblikat fis-sit web http://gmo-crl.jrc.ec.europa.eu/StatusOfDossiers.aspx;

(3) Materjal ta' Referenza: AOCS 0906-E (għal MON-89Ø34-3), AOCS 0406-D (għal MON-88Ø17-3) u AOCS 0406-A (għall-kontroparti mhux ĠM) huma aċċessibbli permezz tal-American Oil Chemists Society (AOCS), fuq https://www.aocs.org/crm?SSO=True. ERM®-BF418 (għal DAS-Ø15Ø7-1) u ERM®-BF424 (għal DAS-59122-7) huma aċċessibbli fuq is-sit taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea https://crm.jrc.ec.europa.eu/.

(e) **Identifikaturi uniċi:**

MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7

MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3

MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1 × DAS-59122-7

MON-89Ø34-3 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7

DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7

MON-89Ø34-3 × DAS-Ø15Ø7-1

MON-89Ø34-3 × DAS-59122-7

DAS-Ø15Ø7-1 × MON-88Ø17-3

MON-88Ø17-3 × DAS-59122-7

(f) **Informazzjoni meħtieġa skont l-Anness II tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà lill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika:**

[Ċentru ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-Bijosikurezza, Numru tal-ID tar-Rekord: *ippubblikat fir-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf ġenetikament modifikati meta notifikat*].

(g) **Kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq, għall-użu jew għall-immaniġġjar tal-prodotti:**

Mhux meħtieġ.

(h) **Pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali:**Pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

[Link: *pjan ippubblikat fir-reġistru Komunitarju ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati*]

(i) **Rekwiżiti tal-monitoraġġ wara l-introduzzjoni fis-suq għall-użu tal-ikel għall-konsum mill-bniedem:**

Mhux meħtieġ.

Nota: il-links għad-dokumenti rilevanti għandu mnejn ikollhom bżonn jinbidlu minn żmien għal żmien. Dawk it-tibdiliet se jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-aġġornament tar-reġistru Komunitarju tal-ikel u tal-għalf ġenetikament modifikati.

([1]) Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/18/oj).